Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 20/2016

**Crystal Galea (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. B'decizjoni tas-6 ta' April, 2016 l-abitru laqa' l-appell tal-appellata mid-decizjoni tal-appellant li kienet tghid li kienet thallset zejjed is-somma ta' €1,190.4 f'ghajnuna socjali (SUP) matul il-perjodu 19 ta' Dicembru, 2012 sas-16 ta' Jannar, 2015. Fid-decizjon, l-arbitru qal:

*"L-appellanti, bil-gurament taghha, kkonfermat li hija kienet marret tinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkostanzi taghha u fil-fatt l-istess rapprezentant tad-Dipartiment fin-nota tieghu tad-19 ta' Mejju 2015 ex admissis qal li kien zball tad-Dipartiment li l-appellanta thallset b'rata aktar gholja minn dik li kienet intitolata ghaliha. Tant li minflok talab ir-rifuzjoni tal-perjodu kollu mhallas talab biss ta' sentejn u dan ghaliex huwa limitat mill-artikli 102(1) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Madankollu dan huwa appell mid-decizjoni tat-12 ta' Dicembru 2014 liema decizjoni minkejja dak li ssottometta r-rapprezentant tad-Dipartiment ma nbidlitx u ghadha fis-sehh tant li anke mid-dokumenti pprezentanti hemm ukoll ikkalkolat l-ammont kollu dovut ta' ERU1190.04 u ma ngabet ebda prova da parti tad-Dipartiment li juri li d-decizjoni tieghu tat-12 ta' Dicembru 2014 giet mibdula u kkomunikata lill-appellanta".*

2. L-appellant appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-arbitru ma mexiex skont il-gustizzja u l-ekwita; *"Waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju, 2015 kien gie dikjarat mill-appellant li l-ammont ta' €1,190 (li jkopri l-perjodu bejn id-19 ta' Dicembru, 2012 u s-16 ta' Jannar 2015) gie sussegwentement ridott ghal €880.20 skont l-artikolu 102(1) tal-Kap. 318".*

3. Wara li l-qorti qrat l-atti, tiddikjara li ma taqbilx mad-decizjoni tal-arbitru. Hu minnu li fit-twegiba l-appellant iddikjara:

*"Illi kif induna b'dan, id-Dipartiment rreveda r-rata tal-assistenza, bir-rizultat li nholoq overpayment, u ghalhekk, fit-12 ta' Dicembru 2014, id-Dipartiment kien talab lill-appellant biex tirrifondi s-somma ta' €1,190.04 li jkopri l-perjodu bejn id-19 ta' Dicembru 2012 u s-16 ta' Jannar, 2015, liema ammont sussegwentement gie ridott ghal €880.20 ai termini tas-Subartikolu 1 tal-artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kapitlu 318)".*

Il-qorti ma tarax il-htiega ghalfejn l-appellant kellu johrog avviz iehor wara dak tat-12 ta' Dicembru, 2014. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku l-appellant kien qieghed jitlob somma ikbar minn dik li tissemma fid-decizjoni.

4. Mill-provi rrizulta li l-appellanti kienet qeghda tircievi ghajnuna ta' tlett min-nies minflok ta' tnejn (ara xhieda ta' Joseph Chircop, ufficjal tad-Dipartiment). Fatt li ma giex kontestat. Ghalhekk hu ovvju li thallset zejjed. Inoltre mill-ittra li biha l-appellata appellat quddiem l-arbitru (19 ta' Dicembru, 2014) hu evidenti li ma kinitx qeghda tikkontesta li thallset zejjed, pero' esprimiet il-fehma li minhabba l-izball li ha d-dipartiment ma kellhiex issofri l-konsegwenzi meqjus id-diffikultajiet finanzjarji li kellha. Ladarba rrizulta li thallset ghajnuna socjali iktar milli kienet intitolata ghaliha, id-Dipartiment kellu d-dmir li jigbor lura l-fondi pubblici li thallsu zejda (artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-arbitru tas-6 ta' April, 2016 u tikkonferma d-decizjoni tal-appellant li sar hlas zejjed, b'dan li l-ammont hu ta' tmien mija u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€880.20). Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.